Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 40/2015/1

**Manuel Cutajar (appellant)**

**Vs**

**Awtorita għat-Trasport f'Malta (appellat)**

24 ta' Ġunju, 2019.

1. L-attur appella minn sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva tal-21 ta' Jannar, 2019 li biha caħdet it-talba tiegħu sabiex iħassar deċiżjoni tal-konvenuta li x-xarabank ZXY 676 kellha titneħħa mill-lista ta' Operator's License. Deċiżjoni li ġie nfurmat biha permezz ta' ittra datata 28 ta' Mejju, 2015 u li fiha inkiteb:

> *"Upon examination of all the circumstances of the case, the Authority has reached the conclusion that the vehicle for which you had applied for the issuance of a license as a vintage bus is effectively one of the replaced models of the motor bus which was originally license as Bus 3119 (with the registration number subsequently changing to Y1377, Y-0676 and eventually FBY-676 when the said license was withdrawn).*
>
> *Consequently since the vehicle for which the application for the issuance of licens as a Vintage Bus is effectively merely a body or model divested of any license, such 'vehicle cannot be considered as a motor route bus for the purposes of licensing as a vintage bus.*
>
> *You are therefore being called upon to surrender to the Authority the log-book, license disc and registration plates of the vehicle in question with immediate effect"*.

2. L-aggravji tal-attur huma spjegati fir-rikors tal-appell li ppreżenta fis-7 ta' Frar, 2019 taħt it-titli:

   i. *'il-kunċett ta' vettura mejta';*
   ii. *'il-kumpens, id-distinzjoni bejn il-vettura u l-pjanċi tagħha u l-kunċett ta' replacement';*

iii. *'il-qafas legali u l-introduzzjoni tal-Malta Heritage Buses fir-Regolamenti';*

3. Il-konvenuta wieġbet u tat ir-raġunijiet għalfejn l-appell għandu jkun miċħud.

4. Il-kwistjoni hi sempliċi. Ix-xarbank li rrestawra l-attur hi *vintage bus* skont id-definizzjoni li hemm fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.56 (Regolamenti dwar Servizzi ta' Passiġġieri).

5. B'ittra datata 14 ta' Jannar, 2015 il-konvenuta nfurmat lill-attur li:

> *"After reviewing your request and the supporting documents submitted, it is the Authority's view that the bus in question falls within the definition of a vintage bus in terms of the same Regulations, since the bus has its engine compartment situated in front of its windscreen, was manufactured and registered in Malta as a motor route bus prior to the 1st January, 1960, and was registered as such for at least five consecutive years prior to the coming into force of these Regulations"*.

6. Ittra ffirmata minn Konrad Pule li kien *Chief Officer* tal-*Land Transport Directorate*. Pero' l-istess Pule xehed li fid-Direttorat kien hemm opinjonijiet differenti fir-rigward tat-talba tal-attur sabiex il-vettura tkun liċenzjata bħala *'vintage bus'*. Kompla (fol. 138):

> *".... l-interpretazzjoni tiegħi bħala Kap tad-Direttorat kienet illi dak iż-żmien il-vettura ma kinitx tissodisfa waħda mill-kriterji ewlenin stabbiliti mir-Regolamenti u ċioe' illi l-vettura kellu jkollha liċenzja valida biex topera servizz ta' ġarr ta' passiġġieri fiż-żmien meta saret l-applikazzjoni. Ix-xarabank fil-fatt, fiż-żmien tal-applikazzjoni, ma kellhiex din il-liċenzja u allura l-konklużjoni tiegħi kieent illi l-vettura ma setgħetx tiġi reġistrata u liċenzjata bħala 'vintage bus'"*.

7. Jirriżulta li l-konvenuta talbet parir legali u dan kien kontra dak li kien qiegħed jifhem Pule'. Kien proprju għalhekk li ntbagħatet l-ittra datata 14 ta' Jannar, 2015.

8. Ftit xhur wara intbgħatet ittra legali lill-attur (datata 28 ta' Mejju, 2015, fol. 6) fejn infurmata li kienet tħassret il-liċenzja li ngħata ta' *vintage bus* għaliex:

> *"Upon examination of all the circumstances of the case, the Authority has reached the conclusion that the vehicle for which you had applied for the issuance of a license as a vintage bus is effectively one of the replaced models of the motor bus which was originally licensed as Bus 3119 (with the registration number subsequently changing to Y-1377, Y-0676 and eventually FBY-676 when the said license was withdrawn).*
>
> *Consequently, since the 'vehicle' for which the application for the issuance of licese as a Vintage Bus is effectively merely a body or model divested of any license, such*

*'vehicle' cannot be considered as a 'motor rout bus' for the purposes of licensing as a vintage bus"*.

9. Sylvana Bartolo f'affidavit dettaljat fejn tat storja dettaljata tal-vettura tal-attur, qalet li waqt laqa' li saret mal-attur kien spjegat lilu li l-vettura tiegħu ma kinitx tikkwalifika bħala vintage bus għaliex (fol. 177):

   *"…. din lanqas biss kienet 'vettura' fis-sens tal-liġi iżda biss body mingħajr numru ta' reġistrazzjoni li fiż-żmien kien irrimpjazza body ieħor u għalhekk, in vista tal-fatt illi 'vettura' tista tintuża fit-triq biss meta tiġi reġistrata, u dak li kelliu hu ma kien xejn għajr body mitluq u fi stat ħażin mingħajr reġistrazzjoni, din ma tikkostitwixxi 'vettura' għall-finijiet tad-definizzjoni ta' vintage bus"*.

10. It-Tribunal ċaħad it-talba tal-attur għaliex il-vettura kienet għallinqas mis-sena 2000 iggaraxxjata u ma kinitx qegħda tintuża bħala *motor route bus*. It-Tribunal osserva:

   *"Ghalhekk jirrizulta illi wara li l-vettura giet akkwistata mir-rikorrent din ma kienet bl-ebda mod licenzjata la ghal uzu privat u wisq inqas bhala route bus jew ghal xi uzu kummercjali iehor. Jirrizulta illi l-pjanci ta' registrazzjoni taghha kienu twahhlu fuq xarabank iehor sakemm giet fis-sehh ir-riforma tat-trasport pubbliku. Kwindi, ghall-Awtorita` intimata l-vettura de quo kienet "mejta" u ma setghet bl-ebda mod tigi riavvivata biex terga' tigi licenzjata biex toffri xi tip ta' servizz. Paul Camilleri kien gie kumpensat ghaliex l-Awtorita` intimata kienet qieghdha tirtiralu l-licenzja fir-rigward tal-istess route bus u kwindi ma jistghax b'xi mod jinghad illi l-licenzja li xi darba kienet tkopri l-vettura in kwistjoni kienet ghadu b'xi mod "hajja"*.

11. Din il-qorti ma taqbilx ma' dak ir-raġunament. Leġislazzjoni Sussidjarja 499.56 tagħti definizzjoni ta':-

    i. *'Vettura għall-ġarr ta' passiġġieri'*. Fl-ebda parti tad-definizzjoni ma jissemma l-liċenzjar tal-vettura bħala tali.
    ii. *Vintage bus* – li trid tkun:
        (a) Vettura għall-ġarr tal-passiġġieri;
        (b) Il-magna tagħha tkun tinsab fuq quddiem tal-windscreen, kif inhi l-bus tal-attur;
        (c) Manifatturata u reġistrata bħala motor route bus fl-1 ta' Jannar, 1960 u *"ħames snin konsekuttivi qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti"* (paragrafu (a) tad-definizzjoni).

12. Fid-definizzjoni ta' *vintage bus* ma jingħadx li fid-data tal-applikazzjoni l-vettura trid tkun reġistrata f'Malta bħala *motor route bus*. Fil-fehma tal-qorti irrilevanti wkoll hi l-iskema li għaliha rreferiet ix-xhud, meta l-Gvern kien ftehem mal-Assoċjazzjoni tas-sidien tal-karozzi tal-linja sabiex ikunu irtirati l-liċenzji kollha tal-karozzi tal-linja u jitħallas kumpens lis-sidien. Skema li kienet miftuħa għall karozzi tal-linja, li fil-ftehim kienu definiti bħala: *"... vettura bil-mutur li għandha aktar minn tmien sedili oltre dak tax-xufier u li għandha piż ta' aktar minn ħames tunellati, li hija disnjata sabiex iġġorr l-passiġġieri u* ***li hija liċenzjata mill-Awtorita*** *sabiex tipprovdi Servizzi Skedati"* (fol. 254). Ovvjament il-vettura tal-attur ma kinitx liċenzjata mill-Awtorita' u għalhekk żgur li ma setax jibbenifika minn dik l-iskema. Pero' b'daqshekk ma jfissirx li l-vettura tiegħu ma taqax taħt id-definizzjoni ta' *vintage bus*. Minn qari tar-regolamenti ma jirriżultax lill-qorti li l-liċenżjar ta' *vintage bus* kien limitat biss għal dawk il-vetturi li gawdew mill-iskema.

13. Hu minnu li fl-istess leġislazzjoni sussidjarja d-definizzjoni ta' *motor route bus* hi dik ta' vettura għall-ġarr ta' passiġġieri, *"... liċenzjata biex topera servizz tat-trasport pubbliku għall-passiġġieri"*. Madankollu l-konvenuta ma semmiet l-ebda regolament li għal-liċenzjar ta' *vintage bus*, fid-data tal-applikazzjoni ix-xarbank trid tkun reġistrata bħala *motor route bus*. Dak li trid il-liġi hu li l-vettura kienet reġistrata f'Malta bħala *motor route bus:-*

    i. Fl-1 ta' Jannar, 1960; u
    ii. Ħames snin konsekuttivi *"qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti"*. Il-kelma *'qabel'* (prior fit-Test Ingliż) tfisser f'kull żmien bejn l-1 ta' Jannar, 1960 sakemm daħlu fis-seħħ ir-regolamenti (2009). Il-liġi ma tgħidx *'eżatt qabel'*. Jista' forsi jkun li kien hemm intenzjoni differenti meta saru r-regolamenti bl-Avviż Legali 149 tal-2009, pero' mhijiex riflessa fir-regolament.

14. L-attur jippretendi li x-xarabank tiegħu taqa' taħt l-ewwel parti tad-definizzjoni ta' *'vintage bus'* (paragrafu a). In kontro-eżami xehed li kien xtara x-xarabank

fis-sena 2000 mingħand ċertu Giovann Camilleri, u dam tlettax-il sena sabiex jirrestawraha. Qal ukoll li meta xtara x-xarabank ma kellhiex *number plates*, liċenzja u *log book*. Skont l-attur:

> *"Din il-vettura nbniet fin-1950s, ħadmet consecutively jidhirli san-1990s, hemm ritratti u kollox.... u mbagħad giet iggaraxxjata fin-1990s"*.

15. Mill-affidavit ta' Sylvana Bartolo, li l-vettura tal-attur kienet reġistrata f'Malta bħala *motor route bus* fl-1 ta' Jannar, 1960 u hu evidenti li għamlet ħames snin konsekuttivi hekk reġistrata qabel daħlu fis-seħħ ir-regolamenti.

16. L-Awtorita' baqgħet tinsisti li l-vettura tal-attur ma kinitx liċenzjata mill-Awtorita' sabiex tipprovdi s-Servizzi Skedati. Pero' baqgħet ma semmietx id-disposizzjoni tal-liġi li teħtieġ dak l-element għall-finjiet ta' liċenżjar ta' vettura bħala *vintage bus*. Fejn il-liġi hi ċara, wieħed m'għandux għalfejn joqgħod jara x'setgħet kienet l-intenzjoni. Minkejja li xhieda tal-konvenuta qalu li x-xarabank li eventwalment xtara l-attur, *'miet'* meta n-numru kien trasferit fuq xarabank ieħor li eventwalment ibbenifika mill-iskema li ntroduċa l-Gvern fl-2010, il-konvenuta baqgħet ma semmitx id-disposizzjoni relattiva li minn dakinhar ix-xarabank ma seta qatt jerġa jintuża fit-triq.

17. Il-qorti tfakkar li skont l-ittra legali datata 28 ta' Mejju, 2015 il-posizzjoni tal-konvenuta kienet li l-vettura tal-attur kienet, *"... merely a body or model divested of any license, such 'vehicle' cannot be considered as a 'motor route bus' for the purposes of licensing as a vintage bus"* (fol. 6).

18. Pero ġialadarba l-vettura tal-attur:-
    i. Għandha r-rekwiżiti kollha li jissemmew fid-definizzjoni ta' *vintage bus* fir-regolament 2 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 499.56;
    ii. Ma saret l-ebda riferenza għal regolament li jeżiġi li fid-data tal-applikazzjoni l-vettura li l-attur ried jirreġistra bħala *vintage bus*, kellha tkun liċenzjata u qegħda tintuża f'Malta bħala *motor route bus;*

il-qorti hi tal-fehma li d-deċiżjoni tal-konvenuta, kif notifikata lill-attur permezz tal-ittra tat-28 ta' Mejju 2015, ma kinitx legalment korretta.

**Għal dawn il-motivi sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq tilqa' l-appell tal-attur u tħassar is-sentenza tal-21 ta' Jannar, 2019. Għar-raġunijiet li ngħataw tħassar id-deċiżjoni tal-konvenuta kif spjegata fl-ittra legali tat-28 ta' Mejju, 2015.**

**Spejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-konvenuta.**

Anthony Ellul.